Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Novembru 2011 — The Pukka Luggage Company vs UASI — Azpiroz Arruti (PUKKA)

(Kawża T-483/10)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PUKKA — Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade marks Komunitarja u nazzjonali figurattivi li fihom l-element verbali pukas — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 17, 54)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Lulju 2010 (Każ R 1175/2008-4), dwar proċedimenti ta oppożizzjoni bejn Jesús Miguel Azpiroz Arruti u The Pukka Luggage Company Ltd.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) The Pukka Luggage Company Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.